# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 303/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**RA**

**Vs**

***GV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' RA , datat 24 ta' Ġunju 2019, a fol 1 et seqq. tal-proċess, fejn din ippremettiet:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tal-elfejn u erbatax (2014) u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata 'Dok A' liema żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;*

*Illi minn dan iż-żwieġ tal-kopja kien hemm wild wieħed li twieled qabel iż-żwieġ imma li skont kif jidher mill-istess ċertifikat taż-żwieġ fis-sezzjoni 'Addenda', l-partijiet iddikjaraw li ai termini tal-artikolu 101 u 102 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess minuri C mwieled f'X huwa binhom u qed jirrikonoxxuh għal kull effetti tal-Liġi;*

*Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax ( 2015 ) redatt minn Nutar Dr Katia Cachia li kopja tiegħu hija hawn*

*annessa u mmarkata 'Dok B'*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn erba' (4) snin u nofs legalment u fattwalment separati minn xulxin u qiegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, senjatament fl-artikolu 29, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt reċiproku għall-manteniment mingħand xulxin;*

*Illi fir-rigward tal-manteniment versu l-minuri, fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn ċitat, senjatament l-Artikolu 20, irid jingħad li l-partijiet qablu li l-missier jivversa manteniment ta' mitejn ( € 200 ) Ewro fix-xahar lil omm versu il-minuri u nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa, liema obbligazzjoni l-missier kważi qatt ma onora, għalkemm l-attriċi ma tixtieqx li dan il-fatt ikun ta' ostaklu għaliha għal dikjarazzjoni minn din il-Qorti għal ħall taż-żwieġ tagħha minn mal-konvenut;*

*Illi l-attriċi jidhrilha li dawn il-fatti hawn fuq imsemija jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimat debitament notifikat fis-17 ta' Gunju 2019, ma ppresenta ebda risposta u ghaldaqstant huwa kontumaci skond il-ligi (Vide fol 15);

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat fis-6 ta' Marzu 2020 sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RA** xehdet (fol 24) illi hija izzewwġet lil GV fil-21 ta' Ġunju tal-2014. Il-partijiet kellhom tifel, li twieled qabel iż-żwieġ, u li llum għandu ħdax-il sena. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Hija xehdet ukoll illi l-manteniment dovut lilha mill-konvenut qatt ma tħallas.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-attriċi ippreżentat nota (fol 17) fir-rigward tal-punt li l-konvenut naqas milli jħallas il-manteniment versu binhom. L-attriċi tgħid illi hija xorta għandha tingħata d-divorzju u dan minkejja illi żewġha ma jivvversax il-manteniment dovut għal binhom kif marbut li jagħmel in effett tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tagħhom. Hija tispjega li żewġha għandu l-problema tal-vizzju tad-droga u problemi ta' saħħa u minħabba f'hekk huwa ma għandux impjieg, u għalhekk konsegwentament huwa ma kellux flus sabiex iħallas il-manteniment ta' binha minuri. Illi hija taf bil-problemi ta' żewġha l-konvenut u għalhekk hija ma titlobx mingħandu l-flus għall-manteniment għaliex huwa mhux f'posizzjoni li jħallas, anke jekk tipproċedi ġudizzjarjament kontrih. Filfatt hija ma baqgħetx tinsisti ma' żewġha għall-manteniment tal-minuri. Hija tgħid ukoll li minn ħarsa lejn id-disposizzjonijiet legali nostrana, ma hemm xejn li għandu jżomm lil din il-Qorti milli tippronunzja l-ħall taz-zwieġ għaliex minn analizi tal-Artikolu 66 D (2) tkun il-parti li lilha huwa dovut il-manteniment u li kontriha ssir talba għad-divorzju li għandha tqajjem dan f'eċċezzjoni. Tgħid li hawnhekk hija l-attriċi li lejha huwa dovut il-manteniment li qed titlob id-divorzju permezz tal-kawża odjerna. Tgħid ukoll illi li kieku it-talba tal-attriċi ma tintlaqax, ikun ifisser illi hija ma tkunx qed tingħata l-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ avolja hija ma kisret l-ebda liġi. Finalment tgħid ukoll li jekk il-Qorti ma tippronunzjax il-ħall taż-żwieġ, hija tkun qed isoffri inġustizzja doppja. L-attrici ssostni li r-rekwiżiti l-oħra imposti fl-Artikolu 66 B huma s-sodisfatti. .

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' Ġunju 2014 – dok A, fol 13 u li qabel dan iż-żwieġ huma kellhom tifel li twieled fis-7 ta' Awwissu 2008 u li ġie rikonoxxut għal kull effetti tal-liġi ai termini tal-artikoli 101 u 102 u dan kif jirriżulta mill-addenda fuq l-imsemmi ċertifikat taż-żwieġ.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Katia Cachia datat 15 ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) - dok B fol 3 - u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Jirrizulta pero illi bhala stat ta fatt hemm arretrati ta' manteniment , u dan kif jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi (fol 24) kif ukoll minn nota ippreżentata mill-istess attriċi ( fol 17).

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti rat l-Artikolu 66 D tal-Kodiċi Ċivili:

> ***66D. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.***
>
> ***(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B( a ) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju***

***ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.***

***(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.***

***(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha mutatis mutandis is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti pendente lite.***

***(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.***

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ghandu jigi ezaminat bir-reqqa is-sub inciz 2 tal-Artikolu 66 D tal-Kap. 16.

Dan l-artikolu jipprovdi zewg okkazzjonijiet fejn talba ghal divorzju għandha tigi michuda mill-Qorti u ċioe meta hemm il-kontestazzjoni ghat-talba illi:

(1) l-partijiet ilhom anqas minn erba' snin ma jghixux flimkien; *jew*

(2) min qed jitlob id-divorzju jkollu l-obbligu li jhallas manteniment skont sentenza jew kuntratt

ta' separazzjoni, ma jkunx hallas il-manteniment hekk ordnat jew stipulat u li kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa' ikun aktar difficli li jinkiseb il-hlas tal-manteniment dovut.

Il-Qorti tqis illi ghandha tipprecisa illi dawn għandhom ikunu **ecċċezzjonijiet** mqanqla da parti tal-intimat li kontrieh jew kontrieha tkun qed issir it-talba għad-divorzju. Il-liġi tistipula is-segwenti:

> "*Il-Qorti ma għandhiex tilqa t-talba għad-divorzju kemm – il darba xi waħda minn* ***dawn l-eċċezzjonijiet*** *jiġu murija li huma tajba."*

Illi kif ben tajjeb tosserva fin-nota tagħha hija l-attriċi qed titlob id-divorzju u hu lejha, li huwa dovut dan il-manteniment, u allura ma hemmx eċċezzjoni jew kontestazzjoni f'dan is-sens, kif trid il-liġi.

Kwindi tali nuqqas da parti tal-intimat li jħallas manteniment lill-attriċi għall-binhom m'ghandux jipprekludi l-ghoti tad-divorzju skond il-ligi u kif mitlub mill-attriċi.

Rat illi l-intimat waqa' kontumaci u ma pprevalixxiex ruhu mill-fakolta' moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu 2020 u ma ppresenta ebda sottomissjonijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tat-13 ta' Jannar 2021, l-isem tal-intimat gie korrett u ghandu jaqra "GV".**